MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 229/2014

**Philip Spiteri (KI 30665G) kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem "Il-Kartell Restaurant" ta' "Il-Kartell", Marina Street, Marsalforn, Ghawdex**

**Vs**

**Events Travel and Incentives Limited (C-13049)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur jippremetti li l-konvenuta ghandha tghid l'ghala dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux jikkundannaha thallas lill-attur l-ammont ta' elf tnejn u sittin Ewro u hamsin centezmu (€1,062.50c) rapprezentanti prezz ta' servizzi prestati mir-rikorrenti lill-konvenuta fir-restaurant "Il-Kartell" fid-9 ta' Gunju, 2013 u fid-19 t'Ottubru, 2013 u dan kif sejjer jigi dettaljatament ippruvat fil-mori ta' dina l-procedura.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali prezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 fl-ismijiet "Philip Spiteri vs Events Travel and Incentives Limited" fis-7 ta' Frar, 2014; ittra numru 16/2004, u bl-imghax b'effett mid-data ta' kull fattura relattiva kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Ra mill-atti illi s-Socjeta' konvenuta baqghet ma prezentat risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-04 ta' Mejju, 2015 mill-Avukat Dr Carmelo Galea u l-fatt li s-Socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-Socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur fl-ammont ta' elf tnejn u sittin Ewro u hamsin centezmu (€1,062.50c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------